**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru: 25/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**Daniel Orsini**

Illum il-24 ta' Ottubru 2022

Il Qorti rat li tressaq

Lil Daniel Orsini ta' 50 sena, iben Alfred u Rose Marie nee' Vella, imwieled Pieta', fis-07 ta' Jannar 1970, residenti Salvatore Bastion, Dr 4, Triq Gdida fi Triq San Dwardu, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 80270M.

Akkuzat talli f'Lulju 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqalt tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest t'elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u/jew James O'Flaherty id. 618556M u/jew Anthony Manicaro id. 639862M u/jew Mary Grace Manicaro id. 514262M u/jew HSBC Bank Malta plc;

2. Bi hsara ta' haddiehor ghamilt qliegh iehor b'qerq ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u/jew James O'Flaherty id. 618556M u/jew Anthony Manicaro id. 639862M u/jew Mary Grace Manicaro id. 514262M u/jew HSBC Bank Malta plc;

3. aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u/jew James O'Flaherty id. 618556M u/jew Anthony Manicaro id. 639862M u/jew Mary Grace Manicaro id. 514262M u/jew HSBC Bank Malta plc;

4. u talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamilt użu minn dokumenti foloz ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u/jew James O'Flaherty id. 618556M u/jew Anthony Manicaro id. 639862M u/jew Mary Grace Manicaro id. 514262M u/jew HSBC Bank Malta plc.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.[1]

Rat li fl-udjenza ta' l-24 ta' Frar 2020 l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-29 ta' Ottubru 2020[3].

Rat illi d-difiza ghalaqet il-provi taghha nhar il-15 ta' Marzu 2022.[4]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2022[5].

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Folio 18 ta' l-atti processwali
[2] Folio 19 ta' l-atti processwali
[3] Folio 100 ta' l-atti processwali
[4] Folio 135 ta' l-atti processwali
[5] Folio 137-138 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rapportat lill-pulizija li l-imputat fil-kariga tieghu mal-Cospicua Boating Group kien qieghed jaghmel amministrazzjoni hazina tal-finanzi u ta' *chequebook* fdati lilu li kienu jidhru li saru b'mod abbusiv u bi ksur tal-ligi.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[6] fejn inghad li

> *"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*
>
> *Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf*

---

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[7] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[8] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem*

---

[7] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

[8] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998

*ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[9]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

[9] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[10] fejn intqal:

> *"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela**[11] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

> *'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*
>
> *Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene -*

[10] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[11] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz**

**183.** *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispotura jew fil-firem, billi toummer aħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispoew*

*billi ddal obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi ra lili ddali toummer abbu dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklu, bir jew mingħajrha.*

Dwar l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tinnota li l-element predominanti hija l-'falsifikazzjoni' u cioe' li, b'mod simplistiku, l-azzjoni li biha persuna *tohloq* dokument falz jew tibdel dokument awtentiku in parti jew fl-intier tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**[12]

F'dan il-kaz, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward tal-**artikolu 183**, tghallem hekk:

*"Hu evidenti li n-natura pubblika ta' dokument u n-natura ta' dak id-dokument bhala wiehed "awtentiku" ma tigix nieqsa bis-semplici fatt li tkun saret il-falsifikazzjoni f"dak l-istess dokument (fit-test tieghu jew fil-firma jew firem), ghax altrimenti ebda att "awtentiku u pubbliku" ma jkun jista" qatt jigi falsifikat ghall-finijiet tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza, li ghaliha ghamel referenza anke l-abbili difensur ta' l-appellant, moghtija mill-Qorti Kriminali kollegjalment komposta fil-11 ta' Dicembru, 1953 fl-ismijiet Il-Maesta` Taghha r- Regina v. Guzeppi Zahra u hi tal-fehma li f"dan il-kaz id-Dokument BZ1 jammonta ghal dokument "awtentiku u pubbliku" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu tal-ligi.*

*Biex dokument jikkwalifika bhala wiehed pubbliku u awtentiku hu mehtieg bhala regola generali li jkun dokument (1) destinat li jaghti fidi pubblika tal-kontenut*

[12] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) nhar il-22 ta' Ottubru 2004.

*tieghu, (2) maghmul bil-formalitajiet mehtiega u (3) rilaxxjat minn ufficjal pubbliku li ghandu s-setgha skond il-ligi li jaghti fidi pubblika lil dak il-att.*

*S'intendi, jekk ma jkunx fil-fatt gie maghmul minn "ufficjal pubbliku" ghax ilfirma tal-ufficjal pubbliku tkun giet falsifikata minn xi hadd iehor, ma jigix nieqes l-element numru (3): ghall-kelma "rilaxxjat" ghandha tinqara l-espressjoni "apparentement rilaxxjat" (purporting to be issued) minn dak l-ufficjal pubbliku. Hekk ukoll, meta wiehed jirreferi ghall-"formalitajiet mehtiega", ma jfissirx neccessarjament li nuqqas zghir ta' formalita` li ma jkunx essenzjali biex jaghti fidi pubblika jew awtenticita` lil dak l-att igib bhala konsegwenza li dak l-att ma jkunx wiehed pubbliku jew wiehed awtentiku: wiehed ghandu jhares lejn dak li hu essenzjali ghall-forma u mhux dak li hu marginali. Ma hemmx dubbju li fil-kaz in dizamina id-Dok. BZ1, bhala suppost kopja ta'' kuntratt ta'' bejgh u xiri ta'' art, kien intiz sabiex jaghti fidi pubblika tal- kontenut tieghu. Ma hemmx dubbju wkoll li dan gie apparentement maghmul minn ufficjal pubbliku – Nutar – u ghalhekk in kwantu ghar-rekwizit ta'' att "pubbliku", dan ir-rekwizit jirrizulta."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2007) gie kkunsidrat li:

*'Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Galea moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew*

*meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta`* (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). *S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*

L-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jghid:

**184.** *Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni.*

**Ikkunsidrat**

**Xhieda u Provi**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet *viva voce* u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehdet **l-Ispettur Doriette Cuschieri**[13], gia stazzjonata fit-Taqsima Kontra r-Reati Ekonomici. Spjegat li fis-16 ta' Settembru 2016 dahal rapport minn Victoria u Martin Butters fuq allegat frodi a detriment

[13] Folio 20-27 ta' l-atti processwali

ta' Cospicua Boating Group. Il-koppja Butters kienu ilhom President u Segretarju tal-grupp ghal madwar ghoxrin sena u f'Marzu 2016 kien hemm bidliet fil-kompozizzjoni tal-kumitat, fejn kien gie mahtur bhala Segretarju l-imputat Daniel Orsini. F'Gunju 2016, Orsini kien gie mghoddi d-dokumenti finanzjarji tal-grupp u c-cheque books. F'dan ir-rigward l-ufficjal prosekutur esebiet prova tad-dokumenti kollha mghoddija lil Cospicua Boating Group minn ghand is-Sinjura Victoria Butters.[14] Fuq dawn id-dokumenti jidher li hemm firma ta' l-imputat li jikkonferma li ircieva dawn id-dokumenti kollha ghan-nom ta' Cospicua Boating Group nhar is-27 ta' Gunju 2016 fil-presenza ta' Dr. Roberta Fenech.

Is-sinjuri Butters komplew jirrapportaw li ftit wara l-hatra ta' Orsini, dan tal-ahhar kien mar fuq Martin Butters u talbu biex jiffirmalu *appointment of bankers form* pero` dan ma qabadx u ffirma u ghamel xi verifiki mal-bank, u cioe` il-Bank of Valletta. Minn dawn il-verifiki, li saru f'Settembru 2016, irrizulta li l-firmatarji tal-grupp kienu ghadhom l-istess Martin Butters u certu David Bartolo. F'dawn ir-rigward l-Ispettur ezebiet diversi dokumenti tal-Bank of Valletta plc fejn hemm talbiet sabiex isiru *stop payments* mill-konjugi Butters ghan-nom tal-Cospicua Boating Group ta' certu cekkijiet nhar is-16 ta' Gunju 2016. Flimkien ma dawn it-talbiet lil Bank BOV gew esebiti wkoll Statement of Account tal-Cospicua Boating Group kif ukoll rendikont tac-cekkijiet uzati u ffirmati mis-Sinjuri Butters ghan-nom tal-Cospicua Boating Group minn cekk book bin-numru 22 655 400 20825788.[15]

Kien irrizulta wkoll li minn meta inhatar Orsini sa dak iz-zmien, kienu nhargu diversi cekkijiet li huma ma kienux iffirmaw. Kienu saru *stop-payments* fuq certi cekkijiet izda kien hemm minhom li kienu diga` gew imsarrfa. Dawn kienu cekk numru 18 pagabbli lil James O'Flaherty datat 12 ta' Lulju 2016 fl-ammont

[14] Dok DC1, Folio 28 ta' l-atti processwali
[15] Dok DC2, Folio 29-34 ta' l-atti processwali

ta' €480; cekk numru 33 pagabbli lill-istess James O'Flaherty datat 13 ta' Lulju 2016 fl-ammont ta' €304 u cekk numru 39 pagabbli lil Daniel Orsini datat 25 ta' Lulju 2016 fl-ammont ta' €700. F'dan ir-rigward gew esebiti kopji ta' dawn it-tlett cekkijiet.[16]

Minn verifiki li x-xhud ghamlet mal-BOV, saret taf li filwaqt li dawn ic-cekkijiet gew imsarrfa ghand l-HSBC, gew ritornati bhala *suspected fraud*. F'dan ir-rigward ix-xhud esebiet ittra ta' kommunikazzjoni li kien hemm bejn il-Bank of Valletta u l-ufficjal prosekutur.[17] Ix-xhud kompliet tispjega li kkuntattjat ukoll lill-Bank HSBC fejn giet informata li c-cekkijiet numru 18 u 33 gew depozitati fil-kont ta' James O'Flaherty filwaqt li c-cekk numru 39 li kien f'isem Daniel Orsini kien depozitat fil-kont ta' Anthony u Mary Grace Manicaro. Illi f'dan ir-rigward giet esebita komunikazzjoni mal-Bank HSBC.[18]

Ix-xhud imbaghad tkellmet ma James O'Flaherty li min-naha tieghu kkonferma li Daniel Orsini kien hallsu ghal xi xoghol bic-cekkijiet in kwistjoni.

Mary Grace Manicaro ikkonfermat li Daniel Orsini kien hallas ghal xi oggetti li xtara mill-hanut taghhom permezz tac-cekk relattiv. Ix-xhud tkellmet ukoll ma' Raymond Azzopardi u David Bartolo, membri tal-Cospicua Boating Group li kkonfermaw li fl-2015 kien baghat ghalihom il-manager tal-BOV ta' Bormla fejn qalilhom li kienu nhargu xi cekkijiet li kellhom biss firma wahda.

Ghal din il-laqgha kien mar ukoll Daniel Orsini li qal li filwaqt li c-cekk book kien ghandu, jista' jkun li kien insteraq minn xi impjegat tieghu. Kien inhareg mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat[19] u wara li rrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali, gie mitkellem fejn ikkonferma li kien fil-pussess tac-cheque book in kwistjoni, jista' jkun li dan insteraq minn certu "Wayne" li kien gieli

---

[16] Dok DC3, Folio 35-37 ta' l-atti processwali
[17] Dok DC4, Folio 38 ta' l-atti processwali
[18] Dok DC5, Folio 41-42 ta' l-atti processwali
[19] Dok DC6, Folio 43 ta' l-atti processwali

jahdem mieghu. Ikkonferma li lil James O'Flaherty kien jafu fuq xoghol u kien jaf li s-Sinjuri Manicaro kellhom hanut tal-laham.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehdet **Victoria Butters**[20] fejn wara li spjegat li hija flimkien mar-ragel taghha Martin Butters kienu fundaturi tal-Cospicua Boating Group, stqarret li ghadd li f'Marzu 2016 kien inbidel il-kumitat, il-firmatarji tal-grupp kienu hi, Martin Butters u David Bartolo. F'Gunju 2016, hija ghaddiet id-dokumenti amministrattivi u finanzjarji tal-grupp lill-imputat quddiem l-Avukat Dr Roberta Fenech. F'Settembru 2016, l-imputat kien avvicina lir-ragel taghha biex jiffirmalu document tal-bank li rrizulta li kien intiz sabiex jinbidlu l-firmatarji tal-grupp. Martin Butters ma ffirmax u mar il-bank sabiex jiccara ezatt x'kien id-dokument u inghata rendikont aggornat tal-kont. Minn dan deher li kienu hargu xi cekkijiet li ma kienux jafu bihom fiz-zmien li kienu firmatarji u rrizulta li xi hadd kien imita l-firma ta' Martin Butters.

> *"Jiena I went through it, tatni dan l-istatement jigifieri, I went through it u rrimarkajt, ghidtilha: 'Isma', jien f'Gunju rritornajt ic-cheque book u kollox kif hawnhekk hawn cekkijiet f'July li hargu f'isem l-Ghaqda meta ahna ma ffirmajniex u speci ma konniex involuti fiha din il-bicca xoghol?'".*

Ix-xhud kompliet tghid li *"irrizulta li dawn ic-cekkijiet xi haddipprova emm jimita l-firma ta' wiehed minnha. Fil-fatti tar-ragel ippruvaw jimitaw il-firma emm."*[21]

Il-*manager* kien iddirigiha sabiex jaghmlu rapport mat-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici u fil-fatt hekk sar. Ix-xhud gharfet id-dokumenti ezebiti in atti mill-Ispettur Doriette Cuschieri kif pprezentat kopja tal-kwerela taghha stess u kopji ulterjuri tad-dokument li kkonfermat in atti.[22]

[20] Folio 44-52 ta' l-atti processwali
[21] Folio 46-47 ta' l-atti processwali
[22] Dok VB1, Folio 53 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Martin Butters**[23], li kien il-President tal-Cospicua Boating Group sa Marzu 2016 u kien firmatarju ghall-fini ta' cekkijiet tal-grupp. Jiftakar li Daniel Orsini kien ha l-kariga ta' Segretarju wara l-mara tieghu Victoria Butters. F'Settembru 2016, Orsini iltaqa' max-xhud biex jiffirmalu karta izda minn naha tieghu, ix-xhud kien irrifjuta u qallu li jrid jara sewwa x'inhi. Meta mar bil-karta l-bank, il-xhud gie nfurmat li hu u l-mara kienu ghadhom firmatarji tal-grupp. Minn rendikont li inghata mill-Bank, deher li kienu hargu tlett cekkijiet li hu ma kienx jaf bihom u l-firma fuqhom dehret suspettuza ghax ghad li kienu jixbhu il-firma tieghu, kien fihom ghadd ta' inkonsistenzi bhal per ezempju "Buttons" flok "Butters". Ix-xhud innega forzevolment li huwa kien hareg dawk ic-cekkijiet u kkonferma li kien sar rapport mat-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici dwar dan. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. In kontro-ezami ikkonferma li kien ilu nvolut fil-grupp ghal madwar 20 sena. Il-firmatarji tal-grupp sa minn meta nfetah il-kont bankarju kienu dejjem hu, il-mara tieghu u l-kaxxier – jiffirmaw dejjem tnejn minnhom.

Fl-istess seduta xehed **James O'Flaherty**[24] li kkonferma li kien gie mitkellem mill-Pulizija dwar zewg cekkijiet li kien thallas bihom minghand l-imputat Daniel Orsini ghal xi materjali konsenjati lilu fuq fattura. Ix-xhud kellu kumpanija li taghmel xoghol u tforni materjali konnessi mat-tapezzerija. Ix-xhud gharaf lill-imputat u kkonferma li kien klijent tal-hanut tieghu. Ikkonferma li cekk minnhom kien imlieh hu wara li gie mghoddi lilu *blank* minn Orsini fil-hanut. Ic-cekk kien bil-firma diga` fuqu. Fir-rigward tac-cekk l-iehor, ma gharafx il-kalligrafija.[25] Ma kienx jaf ta' min hi l-firma. Huwa kien ddepozita c-cekkijiet izda wara ftit gie nfurmat mill-bank li kienu gew *reversed*. Meta gara dan, kien kellem lil Daniel Orsini li kien pront hallsu bi flus kontanti. In kontro-ezami ikkonferma li lil Daniel Orsini kien ilu jafu zmien twil izda ma kienx jaf

[23] Folio 54-64 ta' l-atti processwali
[24] Folio 65-72 ta' l-atti processwali
[25] Dok DC3

jekk kellux impjegati mieghu. Ma setax jiftakar jekk kienx hemm xi okkazjoni li Daniel Orsini baghat lil xi hadd iehor ghandu biex ihallas.

Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezami fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021[26] fejn ikkonferma li n-negozju tieghu kien ibiegh materjal tat-tapezzerija tad-dghajjes u li Daniel Orsini kien klijent regolari tieghu u ghalhekk kien ilu jafu. Ix-xhud jiftakar li Orsini kellu assistenti jisimhom Jeffrey u Adrian izda ma kienx jaf li kien hemm xi hadd jismu Wayne ukoll. Ikkonferma li c-cekkijiet kien jiddepozitahom f'daqqa u mhux isarrafhom individwalment. Iccara li huwa mhux kapaci jaghraf il-kalligrafija tal-imputat u sostna li fil-hanut kienu jkunu erba' minn nies jahdmu u allura mhux bil-fors li dejjem kien ikun hu li jaqdi lill-imputat. Ikkonferma li bhala prattika tieghu, meta kien jircievi cekk ta' klijent mhux regolari, kien inizzel ismu fuqu u anke` meta c-cekk jkun ta' xi hadd divers mill-klijent li jkun ghaddiehulu.

Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020 xehdet **Johanna Bartolo**[27] f'isem Bank of Valletta plc li kkonfermat li hija rredigiet id-dokument ezebit a Fol. 38-40 tal-atti. B'referenza ghall-kont bankarju ta' Cospicua Boating Group, spjegat li kien hemm ic-cekkijiet numru 19-32, 34-37, 40 gew imwaqqfin filwaqt li c-cekkijiet numru 18, 32, 39 gew imsarrfin izda imbaghad imwaqqfa bhala "*suspected fraud*". Ix-xhud ipprezentat rendikont tal-kont bankarju tal-grupp.[28]

Fl-istess seduta xehdet **l-Avukat Dr Roberta Gauci**[29] li kkonfermat li hija kienet xhud ghall-iffirmar ta' dokument ta' handover bejn Victoria Butters u Daniel Orsini datat 27 ta' Gunju 2016.

[26] Folio 103-111 ta' l-atti processwali
[27] Folio 78-80 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[28] Dok JB1, Folio 81 ta' l-atti processwali
[29] Folio 82-84 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehdet **Marvic Vella**[30] f'isem HSBC Bank Malta plc li kkonfermat li hija rredigiet id-dokument ezebit a Fol. 41-42 tal-atti[31]. li c-cekkijiet numru 18 u 33 gew depozitati fil-kont ta' James O'Flaherty filwaqt li c-cekk numru 39 li kien f'isem Daniel Orsini kien depozitat fil-kont ta' Anthony u Mary Grace Manicaro. In kontro-ezami, spjegat li c-cekkijiet kienu gew depozitati mhux imsarrfa ghand il-kaxxier. Ix-xhud ipprezentat dokumenti li juru deposits li saru.[32]

Fl-istess seduta xehdet **Mary Grace Manicaro**[33]. Hija gharfet lill-imputat u stqarret li "*kien jigi ghandna*". Huma ghandhom negozju fejn ibieghu tigieg, bajd, ecc. Tiftakar li Daniel Orsini kien hallashom b'cekk li huwa ffirma u ma kienx hemm problem. Tiftakar li c-cekk kien ta' xi ghaqba bl-isem *"Boat…"*.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 xehed **David Bartolo**[34]**.** Spjega li huwa kien kaxxier tal-Cospicua Boating Group fiz-zmien li l-konjugi Butters kienu President u Segretarju rispettivament u kienu huma t-tlieta firmatarji tac-cekkijiet f'isem il-grupp. Ic-*cheque book* kien jinzamm minn Martin Butters. Jaf li wara li kien hemm bidla fil-kumitat tal-grupp, il-konjugi Butters kienu ghaddew ic-*cheque book* lill-imputat ghax dan issuccjedieh fil-kariga ta' Segretarju. Jiftakar episodju fejn il-manager tal-BOV ta' Bormla baghat ghalih minhabba li kien inhareg xi cekk b'firma wahda minn tal-grupp. In segwitu ta' dan l-espisodju, l-imputat kien intalab jirrizenja mill-kariga tieghu ta' Segretarju. Jaf illi effettivament il-fondi relattivi ghac-cekkijiet in kwistjoni baqghu qatt ma hargu mill-kont tal-grupp. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li l-imputat Daniel Orsini kien ilu membru tal-Cospicua Boating Group u allura kien jaf li fiz-zmien kienet ittiehdet id-decizjoni li c-cekkijiet

[30] Folio 85-88 ta' l-atti processwali
[31] Dok DC5
[32] Dok MV1-MV5, Folioa 89-93 ta' l-atti processwali
[33] Folio 94-99 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[34] Folio 114-129 ta' l-atti processwali

jinhtieg li jkunu ffirmati minn zewg membri tal-kumitat awtorizzati. Ikkonferma li l-imputat kien gie elett mill-membri biex ha l-kariga ta' Segretarju fis-sena 2016. Stqarr ukoll li Orsini rega' gie elett f'din il-kariga fi-sena 2018.

Fl-istess seduta xehed **Raymond Azzopardi**[35], li kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Cospicua Boating Group. Huwa kkonferma li kien ta dikjarazzjoni lill-Pulizija dwar il-kaz odjern, liema dikjarazzjoni giet ezebita u kkonferma ukoll il-kontenut taghhha bhala korrett.[36] Illi din id-dikjarazzjoni saret nhar it-8 ta' Dicembru 2019 fl-uffijcu ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri.

F'din id-dikjarazzjoni, ix-xhud jghid li lanqas biss jaf li l-ghaqda kellha *cheque book*. Jghid ukoll li l-imputat *"kien baqa fil-kariga ta' segretarju pero fuq amministrazzjoni biss u ma kellux x'jaqsam aktar ma finanzi. Konna morna l-BOV fejn kien inqata milli jkun firmatarju tac-cekkijiet fejn kien anke intalab sabiex jirrezenja mil-posizzjoni tieghu pero hu kien insista li ma kien ghamel xejn hazin…. Daniel kien ikkonferma quddiem il-maniger, quddiemi u quddiem David Bartolo li c-cekk book minn mindu kien gie mghoddi lilu kien baqa dejjem ghandu.*

…

*Meta konna tkellimna ma Daniel u kien qal li jista jkun li xi had kien seraqli xi cekkijiet minn fejn kien mizmum dan ic-cekk book, kien qal li kien izommu l-ufficju li ghandu Verdala. Wara li gara dan kollu jien inghatajt cekk book gdid mil-maniger ta' BOV sabiex niehu hsieb il-finanzi jien u nghid li sal-lum il-gurnata kull cekk li johrog mil-ghaqda jrid ikollu l-firma tieghu bilfors.*

[35] Folio 130-131 ta' l-atti processwali
[36] Dok RA1, Folio 132-133 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li ittiehdet stqarrija[37] ta' l-imputat nhar il-20 ta' Dicembru 2019 u cioe iktar minn tlett snin mill-allegat reat gewwa l-Economic Crimes Unit fl-ufficju ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri u fil-prezenza ta' PC1356 Rene' Fenech u PC 1447 Mark Copperstone u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma ssirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista' jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u ma ghamilx kuntatt ma' avukat jew talab avukat jattendi waqt l-interrogazzjoni tieghu.[38]

Illi fl-istqarrija l-imputat Daniel Orsini ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi fl-istqarrija l-imputat spjega li hu jaghmel parti mill-Cospicua Boating Group u kienu ilu parti mill-amministrazzjoni minn Marzu 2016 fil-kariga ta' Segretarju Generali u kellu x'jaqsam ma pagamenti li tohrog l-istess Cospicua Boating Group.

Fl-istqarrija, l-imputat jikkonferma li jaghraf id-dokument datat 27 ta' Gunju 2016 iffirmat minnu u minn Dr. Roberta Fenech. Fl-istqarrija jikkonferma il-firem fid-dokument u li rcieva dokumentazzjoni relatata mal-finanzi tal-Cospicua Boating Group fosthom BOV *cheque book* bin-numru 2265540020825788 minghand is-Sunjuri Butters. Dan ic-*cheque book* ma kienx

---

[37] Folio 13-16 ta' l-atti processwali
[38] Folio 17 ta' l-atti processwali

ghadu fil-pussess tieghu u stqarr li qatt ma kien uzah u qatt ma kien awtorrizat biex juzah.

Ghar-rigward cekk tal-BOV bin-numru 18 mil-kont 2265540020825788 datat 12 ta' Lulju 2016 ghal-ammont ta' Euro 488 pagabbli lil James Flaherty, l-imputat innega li kien jaf bih, li kitbu, iffirmah jew li pprezentah lil xi hadd.

Ghar-rigward cekk tal-BOV bin-numru 33 mil-kont 2265540020825788 datat 13 ta' Lulju 2016 ghal-ammont ta' Euro 304 pagabli lil James Flaherty, stqarr li dan kien ipprezentahulu O'Flaherty. L-imputat indaga ma O'Flaherty biex ikun jaf min kien il-haddiem Wayne li ffirmah, izda O'Flaherty ma setax ikun jaf ezatt min kien. L-imputat innega li kien kiteb dan ic-cekk jew li kien jaf ta' xiex kien.

L-imputat stqarr li ma setax ikun cert jekk kienx dan il-persuna Wayne li hariglu cekkijiet mill-ufficju tieghu.

Ghar-rigward ta' cekk tal-BOV bin-numru 39 mil-kont 2265540020825788 datat 25 ta' Lulju 2016 ghal-ammont ta' Euro 700 pagabli lilu stess, l-imputat stqarr li ma jafx bih hlief sa meta is-sinjura Manicaro cemplitlu u qaltlu li dan ic-cekk ma issarrafx. L-imputat innega wkoll li kien jaf li dan ic-cekk kien depositat gewwa kont ta' HSBC f'isem is-sinjuri Anthony u Mary Grace Manicaro, kif ukoll li qatt iffirmah. Madankollu kien ghazel li ihallashom lura dawn il-flejjes ghaliex peress li kienu *suppliers* ma setax jahdem minghajrhom.

L-imputat ikkonferma wkoll li kien ghamel xi zmien meta kien irrezenja mill-kariga tieghu sakemm jitrangaw l-affarijiet u illum il-gurnata rega gie elett sabiex isservi bhala segretarju generali.

Meta l-imputat gie mitoqsi jekk jixtieqx izid xi haga stqarr:

*"Nixtieq inzid li wahda mil-affarijiet li jien kont ilni naf li l-ebda cekk ma jista johrog minghajr wahda miz-zewg firem minn meta kont membru ghax kont wiehed milli ivvutajt ghaliha. Haga ohra li dak iz-zmien jien kont naf li l-bank ma kienx hem flus*

*bizzejjed biex jigu lura minhabba li mhemmx fondi u anke minhabba nuqqas ta' firem. Specjalment meta tikkunsidra li dawn iz-zewg suppliers kelli perjodu ta' kreditu li naghzel li jien jigifieri nista nixtri kemm irrid min ghandhom u nhallas wara. Lil O'Flaherty per ezempju gieli kelli ntih Eur 20,000. Barra min hekk nixtieq nghid ukoll li barra li jien segretarju generali ta' din l-ghaqda jien president tal-Club Regatta Birgu fejn jien firmatarju hemmhekk ukoll u li jghaddu hafna iktar ammonti ta' flejjes milli jghaddu minn Cospicua Boating Group u barra minnhekk assistent president fil-Vittoriosa Starts fejn jien firmatarju ukoll. Qatt ma kelli problem bhal dawn u lanqas simili taghhom. U dejjem zammejt reputazzjoni tajba ma kull fejn kont immexxi u qed immexxi minghajr ma hallejt l-icken dubji fit-tmexxija tieghi specjalment finanzjarja. Anzi dejjem ninsiti ma kull fejn immexxi li l-affarijiet ghandhom isiru ezatt skond il-finanzi ta' fejn inkun qed immexxi u tal-ligi.*

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti tinnota li c-cekkijiet in kwistjoni certament li ma kienux iffirmati mill-persuni li kellhom jiffirmawhom. Ibda biex, ic-cekkijiet kellhom ikunu ffirmati minn <u>zewg</u> rapprezentanti tal-Cospicua Boating Group. F'kull cheque mertu ta' din il-kawza, hemm firma wahda.

Di piu', il-firma l-wahdanija certament li mhijiex il-firma ta' Martin Butters – anke l-ortografija tal-kunjom tidher li giet miktuba hazin.

Madankollu, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-prosekuzzjoni, f'kawza fejn qed jigi allegat proprju li l-imputat iffalsifika l-firma ta' Martin Butters jew persuni ohra, ma giebet ebda prova teknika li dwar il-kaligrafija tal-imputat, jew tal-parti li taghha suppost kienet il-firma.

Tali prova certament setghet kienet facilment ottenibbli billi tintalab il-hatra ta' espert tal-Qorti sabiex jiehu l-kampjuni tal-kaligrafija ta' l-imputat u ta' persuni

ohra sabiex tkun tista' ssir il-komparazzjoni. Lanqas il-kaligrafija jew il-firem fuq ic-cekkijiet – u lanqas dik li hemm fuq wara tac-cheque numru 39 – ma giet analizzata.

Ghalhekk, il-prosekuzzjoni naqset meta ma talbitx li ssir din il-prova.

Ghal din ir-raguni, u fid-dawl tal-fatt li l-imputat, fl-istqarrija tieghu jinnega li huwa b'xi mod mess, altera, jew kiteb fuq ic-cekkijiet in kwistjoni – tant li jghid li huwa c-*cheque book* qatt ma uzah, din il-Qorti ma tista' qatt issib htija tat-tielet imputazzjoni, in kwantu priva minn kwalsijasi prova tal-element materjali tal-istess reat.

Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax issib htija fir-rigward tal-**artikolu 183** tal-Kodici Kriminali.

L-istess ma jistax jinghad, izda, fir-rigward tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm din il-Qorti ma ghandhiex prova li kien proprju l-imputat li ghamel l-att ta' falsifikazzjoni fic-cekkijiet mertu ta' din il-kawza, jibqa' l-fatt li l-istess Qorti ma ghandhiex dubju li hu kien <u>konxju</u> li qed jaghmel uzu minn cheque li kien falsifikat.

Din il-konkluzjoni tohrog minn numru ta' provi li tressqu fil-kors tal-kawza: fosthom, l-imputat innifsu jghid li huwa qatt ma uza c-*cheque book* tal-Cospicua Boating Group. Madankollu, huwa kien identifikat posittivament, alemnu minn Mary Grace Manicaro, li tghid li kien proprju hu li ghaddhiela c-cheque, liema cheque kien indirizzat lil Daniel Orsini stess, u li kien gie girat favuriha sabiex ihallas ghal xirja ta' xi laham. Gjaladarba din il-prova baqghet mhux kontestata, u din il-Qorti tqisha verosimili, wiehed jista' jikkonkludi li f'xi moment, l-imputat kellu f'idejh cheque mic-*cheque book* tal-Cospicua Boating

Group, li kien indirizzat lilu, u li gie uzat ghal xiri ta' laham. Anke jekk il-firma ta' fuq wara ma tistax tigi attribwita lill-imputat (ghax ma ngiebet ebda prova f'dan ir-rigward) xorta wahda gie pprovat li l-imputat ghadda dan ic-cheque lil Manicaro – meta kien jaf – ghax hekk jikkonferma – li cekkijiet tal-Cospicua Boating Group ghandhom ikunu iffirmati minn zewg rapprezentanti – u certament ma setghux kienu indirizzati lilu stess u uzati ghal dak l-iskop. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li c-cheque numru 39 ma jafx bih u qatt ma kien jaf bih sakemm cemplitlu Manicaro li dan gie *reversed*, il-prova li Mary Grace Manicaro giet mghoddija dan ic-cheque mill-imputat stess baqghet mhux kontestata. Dan ifisser li l-imputat xjentement uza cheque li kien jaf li setghax juza – l-ghaliex kien falsifikat – ghall-ghanijiet tieghu.

Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax ghajr issib htija ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tar-reat ta' truffa u tal-frodi innominata, din il-Qorti tqis li mhemmx dubju li, ben konoxxenti tal-fatt li c-cheque (almenu dak destinat lil Mary Grace Manicaro) ma setax jigi uzat, l-imputat xorta wahda ghazel li juzah. Kif jghid hu stess, hu kien jaf li c-cekkijiet mahruga mill-Cospicua Boating Group kellhom ikunu firmati minn tnejn min-nies. Certament ukoll, kien ikun jaf li kieku inhariglu xi cheque f'ismu, sabiex jixtri xi laham min-negozju tal-konjugi Manicaro. Madankollu, kif tghid ix-xhud Manicaro, kien hu stess li mar u uza dan ic-cheque biex jixtri l-laham. Meta mbaghad sar jaf li c-cheque gie *reversed*, minghajr ma ngiebet xi prova li hu stess kien investiga jew talab li tigi investigata l-kwistjoni tac-cheque fals, mar ihallas lil Manicaro fi flus kontanti.

Dan kollu, ghal din il-Qorti, juri li l-imputat ipprova jwettaq ir-reat ta' truffa. Effettivament ir-reat gie kkonsmat peress li c-cekkijiet gew imsarrfa, izda mbaghad gew *reversed* meta gie senjalat lill-bank dak li jsejjahlu "*suspected fraud*".

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-elementi tal-artikolu 308 gew ilkoll soddisfatti, ghalkemm imbaghad it-tisrif tac-cekkijiet gie *reversed* mill-bank. Ir-reat gie kkonsmat appena c-cekkijiet gew imsarrfa, u konsegwentement, anke jekk temporanjament, l-awtur tar-reat ghamel lukru jew kiseb qligh mill-agir tieghu.

Konsegwentement, anke fid-dawl tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta.

Peress li t-tieni imputazjoni hija inkluza u kompriza fl-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-piena taghha u ser tqisha bhala kompriza fl-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[39]. Illi filwaqt li jinsabu wiehed u ghoxrin (21) sentenzi registrati fil-fedina penali fuq medda ta' tnejn u tlettin sena, kontra l-imputat relatati mad-droga u sewqan ma jinstabux sentenzi registrati mar-reati li bihom tressaq.
- Jirrizulta wkoll li l-imputat hallas l-ammonti kollha tac-cekkijiet direttament lill-persuni koncernati, appena gie komunikat lilu li c-cekkijiet ma gewx onorati.
- Jirrizulta wkoll li l-imputat ghadu jgawdi l-fiducja tal-Cospicua Boating Group tant li gie elett ghal darb'ohra f'kariga ufficjali tal-istess grupp.

[39] Folio 4-12 ta' l-atti processwali

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b), 183, 184, 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Daniel Orsini **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni, issibu **hati** tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija sentejn li bl-applikazjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghal finijiet ta' piena, din il-Qorti qed tikkunsidra li dan ir-reat jikkostitwixxi reat kompriz u involut fir-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il- 24 ta' Ottubru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**